31983D0384

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tad-29 ta' Lulju 1983
dwar il-lista ta' stabbilimenti fl-Awstralja approvata għall-iskop ta' l-importazzjoni ta' laħam frisk fil-Komunità

(83/384/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar is-saħħa u l-problemi ta' spezzjonijiet veterinarji in konnessjoni ma' l-importazzjoni ta' annimali bovini u majjali u laħam frisk minn pajjiżi terzi [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 83/91/KEE [2], u b'mod partikolari Artikoli 4(1) u 18(1) (a) u (b) tagħha,

Billi stabbilimenti f'pajjiżi terzi ma jistgħux ikunu awtorizzati li jesportaw laħam frisk lejn il-Komunità sakemm ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet ġenerali u speċjali imniżżla fid-Direttiva 72/462/KEE;

Billi l-Awstralja bagħtet, skond Artikolu 4(3) tad-Direttiva 72/462/KEE, lista ta' l-istabbilimenti awtorizzati li jesportaw lejn il-Komunità;

Billi żjajjar tal-Komunità fil-post urew li l-livelli ta' iġjene ta' ħafna minn dawn l-istabbilimenti huma biżżejjed u jistgħu għalhekk jiddaħħlu fl-ewwel lista, stabbilita skond Artikolu 4(1) ta' l-imsemmija Direttiva, ta' stabbilimenti li minnhom tista' tiġi awtorizzata l-importazzjoni ta' laħam frisk;

Billi l-każ ta' l-stabbilimenti proposti mill-Awstralja għandu jiġi eżaminat mill-ġdid fuq il-bażi ta' tagħrif dwar il-livelli ta' l-iġjene tagħhom u l-abilità tagħhom li jaddattaw malajr għal-leġislazzjoni tal-Komunità;

Billi, fil-frattemp u biex tiġi evitata l-interruzzjoni f'daqqa tal-volum eżistenti tal-kummerċ, dawn l-istabbilimenti jistgħu jiġu awtorizzati temporanjament li jkomplu bl-esportazzjoni tagħhom ta' laħam frisk lejn dawk l-Istati Membri li huma lesti li jaċċettawha;

Billi huwa għalhekk meħtieġ li tiġi eżaminata mill-ġdid u, jekk meħtieġ, tiġi emendata din id-Deċiżjoni fid-dawl tal-miżuri meħuda għal dan il-għan u biex isir titjib;

Billi l-importazzjoni ta' laħam frisk minn stabbilimenti li jidhru fuq il-lista annessa ma' din id-Deċiżjoni tibqa' skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fi bnadi oħra u d-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat; billi, b'mod partikolari, l-importazzjoni minn pajjiżi terzi u r-riesportazzjoni lejn Stati Membri oħra ta' ċerti kategoriji ta' laħam, bħal laħam li jiżen anqas minn tlett kilogrammi, jew laħam li jkun fih residwi ta' ċerti sustanzi li għandhom mhux koperti b'regoli armonizzati tal-Komunità jew b'regoli li hemm bżonn li jiġu armonizzati aktar, tibqa' skond il-leġislazzjoni dwar is-saħħa ta' l-Istat Membru li jimporta, waqt li jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat;

Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-istabbilimenti ta' l-Awstralja elenkati fl-Anness għall-importazzjoni ta' laħam frisk fil-Komunità skond l-imsemmi l-Anness huma b'dan approvati.

2. Importazzjonijiet mill-istabbiliment riferuti fil-paragrafu 1 għandhom jibqgħu skond id-dispożizzjonijiet veterinarji tal-Komunità stabbiliti band'oħra.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-importazzjoni ta' laħam frisk minn stabbilimenti ħlief għal dawk elenkati fl-Anness.

2. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jawtorrizzaw sat-30 ta' April 1984 l-importazzjoni ta' laħam frisk li jkun ġej minn stabbilimenti mhux elenkati fl-Anness iżda li jkunu uffiċjalment approvati u proposti mill-awtoritajiet Awstraljani sas-7 ta' April 1983 skond Artikolu 4(3) tad-Direttiva 72/462/KEE, kemm-il darba ma tkunx ittieħdet deċiżjoni mod ieħor, skond Artikolu 4(1) tad-Direttiva msemmija hawn fuq, qabel l-1 ta' Mejju 1984.

[1] ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.
[2] ĠU L 59, tal-5.3.1983, p. 34.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat lista ta' dawn l-istabbilimenti lill-Istati Membri.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Ottubru 1983.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta u jekk meħtieġ emendata qabel l-1 ta' Frar 1984.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Lulju 1983.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

LISTA TA' STABBILIMENTI

Stabbiliment Nru	Indirizz
	I. LAĦAM BOVIN
	A. **Biċċeriji u postijiet tat-tqattigħ**
7 (1)	CQME Pty. Ltd, Rockhampton, Queensland
135	Blue Ribbon Export Division, Launceston, Tasmania
151	Richardson's Meat Industries Ltd, Hobart, Tasmania
170	Beef City Pty. Ltd, Purrawunda, Queensland
195 (1)	R. J. Gilbertson Pty. Ltd, Longford, Tasmania
239 (1)	Northern Cooperative Meat Company Ltd, Casino, New South Wales
243	Warwick Bacon Company Ltd, Warwick, Queensland
294	Teys Bros Pty. Ltd, Beenleigh, Queensland
525	Tancred Bros, Beaudesert, Queensland
642	Metro Meat Ltd, Cootamundra, New South Wales
751	Tasmeats Ltd, Camdale, Tasmania
1 352	Lockyer Valley Abattoir, Grantham, Queensland
	B. **Biċċeriji**
3	The Metropolitan Public Abattoir, Brisbane, Queensland
53 (1)	Thomas Borthwick and Sons, Melbourne, Victoria
54 (1)	H. W. Greenham and Sons, Pty. Ltd, Newport, Victoria
155	Blaney County Council Abattoir, Blaney, New South Wales
218	Northwest Exports Pty. Ltd, Inverell, New South Wales
533 (1)	Charles David Pty. Ltd, Murray Bridge, South Awstralja
612 (1)	Associated Meat Processors Pty. Ltd, Wodonga, Victoria
648 (1)	E. G. Green and Sons, Harvey, Western Awstralja
761 (1)	R. J. Gilbertson Pty. Ltd, Melbourne, Victoria
1 265 (1)	G. & K. O'Connor, Export Abattoir, Pty. Ltd, Pakenham, Victoria
1 471 (1)	South Australian Meat Corporation, Gepps Cross, South Awstralja
	Ċ. **Postijiet tat-tqattigħ**
1 595	R. J. Gilbertson Pty. Ltd, Melbourne, Victoria
1 618	Cisco's Meats Pty. Ltd, Melbourne, Victoria
1 735	Western Australian Lamb Marketing Board, Perth, Western Awstralja
1 842	S. G. Allen, Pty, Ltd, Melbourne, Victoria
1 889	Webb Meat Exports, Pty. Ltd, Melbourne, Victoria
	II. LAĦAM TAN-NAGĦAĠ
	A. **Biċċeriji u postijiet tat-tqattigħ**
151	Richardson's Meat Industries Ltd, Hobart, Tasmania
	B. **Biċċeriji**
155	Blayney County Council Abattoir, Blayney, New South Wales
199 (1)	Thomas Borthwick and Sons (Australasia) Ltd, Albany, Western Awstralja
423 (1)	S.E. Meat (Aust.) Ltd, Naracoorte, South Awstralja
533 (1)	Charles David Pty. Ltd, Murray Bridge, South Awstralja
612 (1)	Associated Meat Processors Pty. Ltd, Wodonga, Victoria
642	Metro Meat Ltd, Cootamundra, New South Wales
1 027 (1)	Linley Valley Meats Pty. Ltd, Wooroloo, Western Awstralja
1 471 (1)	South Australian Meat Corporation, Gepps Cross, South Awstralja

(1) Eskluż skart.

Stabbiliment Nru	Indirizz
	Ċ. **Postijiet tat-tqattigħ**
1 595	R. J. Gilbertson Pty. Ltd, Melbourne, Victoria
1 614	Tatiara Meat Co. Pty. Ltd, Bordertown, South Awstralja
1 618	Cisco's Meats Pty. Ltd, Melbourne, Victoria
1 735	Western Australian Lamb Marketing Board, Perth, Western Awstralja
1 842	S. G. Allen Pty. Ltd, Melbourne, Victoria
1 889	Webb Meat Exports Pty. Ltd, Melbourne, Victoria
	III. IMĦAŻEN
	(Laħam tal-friża pakkeġġat biss)
45	Corio Bay Freezers Pty. Ltd, North Geelong, Victoria
47	Watson and Son Pty. Ltd, Brisbane, Queensland
84	South Australian Meat Corporation, Gepps Cross, South Awstralja
132	P & O Cold Storage Ltd, Brisbane, Queensland
149	P & O Cold Storage Ltd, Melbourne, Victoria
156	Snowboy Pty. Ltd, Sydney, New South Wales
198	A. B. Oxford Pty. Ltd, Melbourne, Victoria
202	Polar Cold Storage Co., Melbourne, Victoria
216	T. A. Field, Port Alma, Queensland
253	Australian Service Cold Storage Pty. Ltd, Sydney, New South Wales
274 C	Moss Vale Cold Store, Moss Vale, New South Wales
292	Port of Portland Authority, Portland, Victoria
492	W. Woodmason Cold Storage Pty. Ltd, Sydney, New South Wales
565	Port Huon Fruit Juices Pty. Ltd, South Hobart, Tasmania
651	Central Coast Coldstores, West Gosford, New South Wales
1 013	P & O Cold Storage Ltd, Perth, Western Awstralja
1 025	Port of Devonport Authority, Devonport, Tasmania
1025 A	S. P. Holman Ltd, Devonport, Tasmania
1 057	Marine Board of Burnie, Burnie, Tasmania
1 060	Port Adelaide Freezers Pty. Ltd, Port Adelaide, South Awstralja
1 168	Frigmobile, Townsville, Queensland
1 190	Rego Cold Storage Pty. Ltd, Scoresby, Victoria
1 258	City Centre Cold Store, Sydney, New South Wales
1 277	Magdem Enterprises, Hobart, Tasmania
1 289	Port of Launceston Authority, Bell Bay, Tasmania
1 379	Doboy Cold Stores Pty. Ltd, Brisbane, Queensland
1 380	Port of Devonport Authority, Devonport, Tasmania
1 439	P & O Awstralja Ltd (Food City), Brisbane, Queensland
1 467	South Australian Cold Stores Ltd, Dry Creek, South Awstralja
1 487	Cold Stores of Awstralja Pty. Ltd, North Freemantle, Western Awstralja
1 617	Frigmobile, Cairns, Queensland
1 625	Schumacher Ice Cold Pty. Ltd, Brisbane, Queensland
1 662	A. B. Oxford Cold Storage Co. Pty. Ltd, Melbourne, Victoria
1 692	Marine Board of Burnie, Burnie, Tasmania
2 095	Frigmobile, Townsville, Queensland
2 180	P. Manettas Holdings Pty. Ltd, Sydney, New South Wales
2 190	Frigmobile, Pty. Ltd, Sydney, New South Wales
2 325	Adelaide Cold Stores Pty. Ltd, Cavan, South Awstralja
2 514	Wedgewood Pastries, Sydney, New South Wales